**LOMBARD BANK JIRRAPORTA QLIEGĦ QABEL IT-TAXXA TA' Lm2.2 MILJUNI**

Lombard Bank Malta p.l.c. għamel qliegħ qabel it-taxxa ta' Lm2.183 miljun, żieda ta' 56% fuq l-2002. Dawn il-figuri joħorġu mill-kontijiet tal-Lombard Bank u s-sussidjarji tiegħu li ġew approvati mill-Bord tad-Diretturi li ltaqa' llum fil-Belt Valletta u li jkopru perjodu ta' 15 il-xahar mill-1 ta' Ottubru 2002 sal-31 ta' Diċembru 2003. Minħabba d-deċiżjoni tal-Bank li jibdel is-sena finanzjarja tiegħu għal waħda kalendarja, il-figuri paragunati huma għat-tnax-il xahar li jgħalqu fit-30 ta' Settembru 2002. Wara li jittieħed inkunsiderazzjoni li l-perjodu finanzjarju kien estiż, il-Bank xorta żied il-qliegħ qabel it-taxxa b' 24% meta mqabbel sena ma' sena.

Minkejja l-kompetizzjoni qawwija fis-self kif ukoll tnaqqis ġeneral fl-imgħaxijiet, il-Bank irnexxielu jsaħħaħ il-qliegħ fuq l-imgħaxijiet b'26% għall- Lm3.62 miljuni. Ħlasijiet għal servizzi u kummissjonijiet ammontaw għal Lm0.47 miljuni filwaqt li profitti minn qliegħ min-negozju fil-kambju ammonta għal Lm0.57 miljuni. Il-qliegħ kollu mill-operat tal-Bank żdied b'24% għal Lm4.7 miljuni. L-ispiża tal-Bank żdiedet bi 42% filwaqt li d-depreciation kompliet tonqos. Il-Bank għamel provvedimenti ta' Lm0.14 miljuni bħala riserva għal riskji li jistgħu jimmaterjalizzaw minn xi kawżi. Fl-istess ħin, iż-żieda fl-impairment allowances fuq l-assi finanzjarji naqset meta paragunata mas-snin preċedenti. It-titjib fir-riżultati tal-Bank huwa wkoll rifless fil-qliegħ għal kull sehem, li żdiedu bi 52% għal 35c2.

Il-Balance Sheet żdiedet b'16%, bl-assi totali issa jilħqu Lm185.6 miljuni. Din l-espansjoni hija riflessa f'żieda simili fid-depożiti li issa jammontaw għal Lm167.6 miljuni. Kien hemm żieda f'likwidità għal perjodi qosra u medjii, li tikkonsisti l-aktar f'depożiti mal-Bank Ċentrali u banek oħra. Fl-istess waqt is-self baqa' fl-istess livelli tas-sena l-oħra u issa jammonta għal Lm57.3 miljuni. Il-fondi ta' l-azzjonisti żdiedu b'14% għal 11.7 miljuni.

Dawn ir-riżultati jirriflettu l-pożizzjoni konsolidata taż-żewġ sussidjarji, Lombard Stockbrokers Limited (51%) u Lombard Asset Managers Limited (75%). Il-Bord tad-Diretturi huwa ottimist dwar il-potenzjal li joffru dawn is-sussidjarji, u l-kontribuzzjoni akbar li jistgħu jagħmlu għar-riżultati tal-grupp, speċjalment jekk jibqa' jissaħħaħ is-sentiment fis-settur ta' l-investimenti.

F'termini ta' ratios finanzjarji, il-Bank irreġistra riżultati ferm inkoraġġanti fl-2003. Minkejja l-pressjoni kompetittiva, il-Bank irnexxielu jżomm Net Interest Margin ta' 33.9%. F'livell ta' 48.8%, il-Cost/Income Ratio (ikkalkulat bħala spejjeż u depreciation kontra dħul minn operat) baqa' baxx speċjalment meta jittieħdu in konsiderazzjoni l-isfidi fl-economies of scale ji jiffaċċja l-Bank. L-indikaturi prinċipali l-oħrajn, jiġifieri ROA u ROE, kienu ta' 1.2% u 18.7% rispettivament. Net Asset Value għal kull sehem huwa ta' Lm2.88, li bil-prezzijiet kurrenti tas-suq jirraprezentaw price/book multiple ta' 1.30.

Il-Bord tad-Diretturi qiegħed jipproponi lil-Laqgħa Ġenerali Annwali li għandu jitħallas dividend finali ta' 9 ċenteżmi kull sehem. Peress li fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta'

Ottubru 2003 kien diga' tħallas interim dividend ta' 6c kull sehem, b'hekk id-dividend totali se jammonta għal 15 il-ċentezmu kull sehem (2002 - 10c). Bħal fis-snin preċedenti, il-Bord se jirrikmanda wkoll li l-azzjonisti jkunu jistgħu jagħżlu jekk jiħdux id-dividend fi flus, jew permezz tal-ħruġ ta' aktar ishma f'isimhom. Skond il-policy tal-Bank, il-prezz li biħ isir il-kalkolu ta' kemm il-sehem wieħed ikun se jirċievi se jkun dak medju tas-suq għat-3 xhur sad-data tat-18 ta' Frar 2004. Jekk dan jiġi approvat fil-Laqgha Ġenerali Annwali, id-dividend jitħallas lill-azzjonisti kollha reġistrati fid-29 ta' Frar, 2004.

Il-Bord tad-Diretturi jinnota li fl-2003 il-Bank irnexxielu jikber kif ukoll jikkonsolida s-self tiegħu minkejja l-isfidi ekonomiċi. L-għanijiet prinċipali għall-2004 se jkunu li l-Bank jibqa' jkun selettiv fl-għażla tiegħu tan-negozju, kif ukoll li jsaħħaħ it-teknoloġija sabiex iwassal prodotti u servizzi aħjar lill-klijenti, filwaqt li jkabbar il-valur għall-azzjonisti tiegħu.